

Brussell, 21 ta' Mejju 2026
(OR. en)

9344/26

FIN 690
INST 227
PE-L 16

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Nru dok. Cion: 9179/26

Suġġett: Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 08/2026 fit-Taqsima III -
Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2026

- *Approvazzjoni*
- *Approvazzjoni ta' ittra*

-
1. Fit-18 ta' Mejju 2026, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 08/2026 b'rabta mal-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea¹, f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament Finanzjarju².
 2. Kif jidher fid-dokument 9179/26, l-għan ta' din il-proposta huwa li jitmexxa ammont ta' EUR 215.14 miljun f'approprjazzjonijiet ta' impenn (a/i) u ta' pagament (a/p) mill-Partita 30 04 01 01 (*Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea*) għall-Partita 16 02 01 01 (*Assistenza lill-Istati Membri b'rabta mal-każijiet eliġibbli taħt il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE)*).

¹ Id-dokument 9178/26.

² Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

3. L-għan tal-proposta huwa li tkopri l-pagament lir-Rumanija (EUR 14.34 miljun), lil Ċipru (EUR 6.89 miljun) u lil Spanja (EUR 90.41 miljun) wara l-applikazzjonijiet tagħhom għal kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FSUE, minħabba diżastri naturali (għargħar u nirien fis-selvaġġ) li seħħew fl-2025. It-talba attwali tqis ukoll il-pagamenti antiċipati li diġà tħallsu lil Ċipru (EUR 2.32 miljun) u lil Spanja (EUR 30.14 miljun).

Minbarra l-ammonti relatati mal-applikazzjonijiet ta' hawn fuq, il-proposta ta' trasferiment tinkludi wkoll ammont ta' EUR 103.5 miljun f'a/i u a/p biex tkopri pagamenti antiċipati li ġejjin relatati mal-applikazzjonijiet ippreżentati reċentement minn Malta, il-Portugall u Spanja.

4. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Mejju 2026.
5. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost, kif jinsab fid-dokument 9179/26, u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNEX għal dan il-għan.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : il-President tal-Kunsill
lil : il-President tal-Kummissjoni
kopja : il-President tal-Parlament Ewropew

Sinjura,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-23 ta' Settembru 2024³, qed ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 08/2026 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2026.

(Formola ta' għeluq).

³ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).